MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 666/2007/1

**Lighthouse Communications Limited**

**vs**

**Lourdes Band Club**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Mejju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas mill-konvenut li huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ elfejn seba’ mija u wiehed u ghoxrin Euro u sbatax il-Eurocentezmu, ekwivalenti ghal elf mija u tmienja u sittin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (LM1,168.20), liema somma tirraprezenta xoghol ta’ reklamar illi kien gie ordnat u VAT reklamat u

VAT relattiv, liema somma hija dovuta a) kwantu ghal LM 389.40 skond fattura rif. Nru. 10546 datata 1 ta’ Novembru, 2006, b) kwantu ghal LM389.40 skond fattura rif.nru 10677 datata 29 ta’ Novembru, 2006 u c) kwantu ghal LM389.40 skond fattura rif. Nru. 10906 datata 3 ta’ Jannar, 2007 hawn ilkoll annessi flimkien ma kopja ta’ prospett u mmarkati rispettivament bl-ittri A sa D.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 29 ta’ Awissu, 2007, annessa u bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 10% fis-sena mid-dati ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-klabb konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn gie ssollevat illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m’hemm ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta’ attrici peress illi hadd mid-dirigenti tas-socjeta’ konvenuta jew persuni kellhom l-awtorizazzjoni biex jikkuntrattaw mas-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ konvenuta ghar-ragunijiet imsemmija hawn m’hijiex il-legittimu kuntradittur ta’ din il-kawza.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema x-xhieda ta’ Roderick Muscat Monsigneur, Jean Pierre Bususttil, Margaret Brincat .

Ra lli ghalkemm il-konvenuti intavolaw risposta huma qatt ma deheru quddiem it-Tribunal. Illi f’hames seduti li nzammu l-avukat difensur tal-konvenuti deher darba biss.

IKKUNSIDRA

Mill-provi migbura jirrizulta lli din il-kawza titratta dwar hlas ghal reklami li saru f’‘*magazine*’ li

jissejjah ‘***Bargain Magazine’*** allegatament fuq ordni tal-konvenuti ‘***Lourdes Band Club’***. Illi dawn ir-reklami gew ordnati permezz ta’ telefonati u ta’ ‘*e-mails’* minn certu Josef Grech.

Jirrizulta lli ‘***Tizwieqa’*** magazine hija publikazzjoni li johrog il-kazin tal-banda ta’ Lourdes u li certu Josef Grech kien qieghed jikkomunika mas-socjeta’ attrici ghar-reklamar tat-‘***Tizwieqa Magazine’*** fil-publikazzjoni ‘***Bargain Magazine’***. Jirrizulta mill-provi prodotta mis-socjeta’ attrici lli ghalkemm il-jidhru r-reklami fil-Bargain Magazine il-konvenuti qatt ma kienu ffirmaw il-‘*booking order’* forms li gew prezentati u mmarkat bhala ‘LC10’ u ‘LC11’. Illi dawn il-formoli jirrikjedu lli il-klijent ghandu jiffirmahom. Jirrizulta lli dawn il-formoli qatt ma gew iffirmati. Jirrizulta ukoll illi l-kuntatt tas-socjeta’ attrici kienet ma certu Josef Grech ta’ ‘***Tizwieqa Magazine’***. Illi Lourdes Band Club jew Josef Grech ma jissemmew mkien fl-‘*e-mails’* skambjati bejn l-atturi u ‘***Tizwieqa Magazine’*** izda biss fuq it-telefon skond ix-xhieda tal-atturi.

Illi huwa minnu lli fl-‘*e-mails’* skambjati jidher illi kien hemm xi tip ta’ kommunikazzjoni izda Josef Grech, il-bniedem li allegatament kienu saru l-kuntatti mieghu qatt ma ffirma l-‘*e-mails’* b’ismu u baqghu bla firma u minkejja dan il-fatt l-atturi baqghu jikkorrispondu.

Illi *in oltre* t-Tribunal jinnota lli mhux biss min kien qieghed jiskambja l-‘*e-mails’* ma kienx qieghed jiffirma ismu izda nonstante dan il-fatt ‘*l-booking form’* mibghuta lill-klijent, qatt ma giet ffirmata minnu , in konkluzzjoni it-Tribnal jirrilleva lli ma kienx hemm ordni formali ghar-reklamar.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-‘*invoices’* inhargu fuq isem ‘***Tizwieqa Magazine’*** u mhux f’isem ‘***Lourdes Band Club’*** izda l-ittra interpellatorja mibghuta lil ‘***Ghaqda Muzikali Lourdes’*** tal-

Paola, fid-29 ta' Awissu, 2007 fejn gharrfu lill-istess Ghaqda Muzikali illi kellhom '*invoices'* pendenti, qatt ma rrispondewha.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli l-eccezzjoni tal-konvenuti fejn isssollevaw illi ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' attrici qatt ma giet ppruvata minkejja l-opportunita' moghtija mit-Tribunal. Illi ghalhekk *a prova kontraja,* jidhirlu lli tezisti relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet u d-dirigenti kellhom l-awtorizzazzjoni biex jikkuntrattaw. Izda minkejja il-punti legali, it-Tribunal jinkonkludi lli fil-mertu l-atturi ma ppruvawx il-kaz taghhom peress illi '*l-booking form'* qatt ma giet iffirmata mill-klijent u ghalkemm tezisti korrispondenza dwar l-'*artwork'* dan ma jfissirx illi l-ordni inghatat mill-klijent.

Illi meta l-atturi qabdu u ghamlu r-reklamar dan ghamluh minghajr il-kunsens formali tal-klijent. Jidher car illi l-bniedem li kien qed jikteb l-*emails* kien qieghed apposta ma jiffirmax ismu. Lli l-atturi messhom kienu aktar attenti meta jiehdu l-ordnijiet u ma kellhomx jiehdu ordni minghajr il-'*booking form'* kompluta.

Ghadaqstant, it-Tribunal jidhirlu lli s-socjeta' attrici ma ppruvatx il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.**"**

L-ilment baziku tas-socjeta` attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu fis-sens illi una volta t-Tribunal sab, kontra dak eccepit, illi kien hemm rabta kontrattwali kien messu, mill-apprezzament tal-provi, iddetermina l-ezistenza ta' dak l-obbligu fil-Club konvenut tal-versament tas-somma mitluba ghax-xoghol ta' reklamar ezegwit minnha skond l-

arti u s-sengha. Hi tikkontendi illi, anke fl-assenza ta' "Booking Form", kien hemm ir-rabta kontrattwali in kwantu kien manifest illi l-partijiet ma riedux jassoggettaw ruhhom ghal dik il-formalita` bil-miktub, anke ghaliex it-tliet ordnijiet pjazzati mill-President tal-Club imharrek gew minnha accettati;

Jidher minn ezami tal-korp tas-sentenza illi r-ragonament tat-Tribunal kien arginat fuq din il-bazi duplici: Processwalment, il-Club konvenut naqas li jgib provi ghas-sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tal-karenza ta' rapport guridiku. Sostanzjalment is-socjeta` attrici naqset milli tiddizimpenja ruhha mill-oneru inkombenti fuqha li positivament turi illi kien effettivament il-Club citat li kellu jitqies id-debitur principali taghha. Fi kliem iehor, skond it-Tribunal, is-socjeta` appellanti naqset milli, manifestament, tipprova li l-Club konvenut kien f'rapport kontrattwali maghha, kif minnha premess bl-Avviz;

Meta wiehed joqghod fil-konfini tal-provi prodotti ghandu jirrizulta dan li gej:-

(1) Skond Margaret Brincat (fol. 22), Sales Manager tas-socjeta` attrici, l-ordnijiet saru minn certu Josef Grech permezz ta' telefonata u *e-mails*. Hi tikkonfessa illi lil din il-persuna qatt ma ratha, u, barra minn dan, l-*e-mails* (LC1, 2 u 3) ghal liema tirreferi ma jindikawx minn kien il-mittenti taghhom;

(2) Minn dokumenti ohra esebiti, senjatament dawk enumerati LC9 sa LC11, jidher lis-socjeta` attrici kellha l-prassi li, ghal skop ta' evidenza illustrativa ta' kontrattazzjoni, tuza "Booking Form" li fuqha, apparentement, kellu jkun hemm il-firem tar-rapprezentant tal-kumpanija u dik tal-klijent. Fil-kaz prezenti l-firem tal-klijent huma mankanti fuq it-tliet formoli;

Minn dawn il-ftit rizultanzi istruttorji din il-Qorti tislet il-konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) Fl-ewwel lok, meta kumpanija bhal dik attrici jkollha fil-prattika kummercjali taghha l-uzanza li tiddixxiplina r-rapporti negozjali li tidhol fihom ghal forma bil-mitkub dan ghandu necessarjament ifisser illi hi riedet tadotta din il-forma konvenzjonali bhala espressjoni tal-konkluzjoni tal-ftehim raggunt. F'dan il-kaz il-Booking Form kellu allura jkun interpretativ tal-ftehim bejn il-partijiet u manifestazzjoni tal-kunsens reciproku relattiv. Jekk xejn, biex permezz ta' l-appoziti firem ikunu sew identifikati l-kontraenti;

(2) Certament, fl-intendiment tas-socjeta` attrici appellanti kienet din il-forma, maghzula minnha, li kienet, fit-termini ta' l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili, taghmel "sahha ta' ligi" ghal kontraenti firmatarji taghha. In linea ta' massima l-prova ma setghetx allura issir b'kull mezz probatorju iehor jew minn presunzjonijiet. Ankorke dan kien hekk possibbli, jkollu jinghad illi minn imkien minn dawk il-mezzi probatorji ohrajn, sija dokumentali jew testimonjali, ma jirrizulta processwalment illi l-kontrattazzjoni b'dawk l-ordnijiet saret fl-interess jew a beneficcju tal-Club konvenut;

(3) Hu provvdut mill-Artikolu 1001, Kodici Civili illi "l-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi". Tradott dan il-provvediment ghal kaz in ispecje hu evidenti illi jekk kien hemm kontrattazzjoni din saret biss ma' Josef Grech personalment. Ara deposizzjoni ta' Margaret Brincat. Il-Club konvenut ma kellux allura jissubixxi konsegwenzi minn kontrattazzjoni li ghaliha kien estraneju. Is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-*VAT number* muri fuq il-fatturi jappartjeni lill-Club izda dan imbaghad minn ebda prova ma jirrizulta hekk konkretament sorrett;

(4) F'kull kaz, ma jistax ma jigix osservat illi minn ebda prova ma jirrizulta illi dan Josef Grech iddivulga, telefonikament jew permezz ta' *e-mail*, li hu kien qieghed jagixxi f'isem haddiehor terz *qua* mandatarju jew rapprezentanti tieghu. Li jfisser, b'konsegwenza, illi, se

mai, il-legittimu kontradittur tat-talba proposta mis-socjeta` appellanti kellu jkun l-imsemmi persuna ghaliex kien mieghu li fil-fattispeci, ikkonfigura r-rapport negozjali;

(5) In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti ttendi biex taqbel ma’ l-espressjoni ta’ fehma mit-Tribunal illi s-socjeta` attrici ma kellhiex tipprocedi ghall-attwazzjoni ta’ l-ordnijiet pjazzati maghha meta hi kienet hekk allertata illi l-Booking Form ma kienux sottofirmati mill-klijent, u dan la kien maghruf minnha u lanqas identifikat minn xi dokument. Bil-kontra ta’ dak sottomess, l-accettazzjoni minnha ta’ dawk l-ordnijiet ma kellux, ghaldaqshekk, jaghmel lil Club imharrek l-mira tal-pretensjoni taghha ghall-hlas reklamat. Jekk hemm bzonn jigi ripetut, biex dan seta’ jkun hekk hi kellha sodisfacentement u konkretament, tipprova illi l-istess Club kien tassew il-fonti ta’ obbligazzjoni krejat minn pattwazzjoni konkordata maghha. La dan ma giex hekk provat, lanqas ghal konvinciment ta’ din il-Qorti, ma tezisti ebda raguni biex din il-Qorti tiddissenti mill-konkluzjoni tat-Tribunal fis-sentenza appellata;

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------